# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors maħluf numru 337/2014/1 MCH**

**Av. Joseph Camilleri bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija estera *Ideal Standard S.A.* tal-Greċja**

***v.***

***Josies Bathroom Centre Limited* (C-1452)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2016 li kkundannatha tħallas lill-attriċi erbgħa u tletin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€34,237.32) prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata mill-attriċi lill-konvenuta, waqt li ċaħdet kontro-talba tal-konvenuta għal danni talli l-attriċi ħassret ftehim ta' aġenzija. Sar ukoll appell inċidentali mas-soċjetà attriċi li jidhrilha li s-soċjetà konvenuta għand-

ha tagħtiha aktar minn kemm likwidat mill-ewwel qorti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi fetħet din il-kawża għax tgħid illi l-konvenuta għandha tagħtiha sebgħa u ħamsin elf, mitejn u dsatax-il euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€57,219.21) prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata, u għalhekk talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallasha dik is-somma, flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

3. Il-konvenuta wieġbet li ma għandhiex tagħti daqskemm talbet l-attriċi iżda biss sitta u għoxrin elf u erbgħa u erbgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€26,044.44) għax kienet għamlet diversi ħlasijiet. Fissret ukoll illi l-attriċi temmitilha l-aġenzija mingħajr ma tatha avviż kif irid l-art. 78B tal-Kodiċi tal-Kummerċ u b'hekk ġarrbet danni. Għalhekk b'rikonvenzjoni talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli biex jindennizza u jħallas danni sofferti mill-intimat rikonvenzjonant, *sia* ghan-nuqqas ta' *notice* mogħtija mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà intimata fit-tneħħija tal-aġenzija għal bejgħ ta' kmamar tal-banju u aċċessorji relatati, kif ukoll għar-reklamar illi huwa għamel għas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, kif ukoll għal oġġetti li s-soċjetà rikonvenzjonanta kellha u għad għandha fil-pussess tagħha waqt li kienet aġent tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata u li kellhom jittieħdu mill-aġent il-ġdid bi ftehim milħuq mas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, kif ukoll għall-immagazzinar tal-istess oġġetti u għal raġunijiet oħra li jiġu murija waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
>
> »2. tillikwida l-indennizz u l-ħsara sofferti mill-intimat rikonvenzjonant kif fuq spjegat jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;
>
> »3. tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas is-somma hekk likwidata ta' indennizz u ħsara sofferti mill-intimat rikonvenzjonant, konsistenti mhux biss fin-nuqqas ta' *notice* mogħti lill-intimat rikonvenzjonant, imma wkoll għal ħsara minnu sofferti fit-tneħħija tal-istess aġenzija, meta huwa rreklama għan-nom tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata qabel it-tneħħija tal-istess aġenzija, kif ukoll għal oġġetti li kellhom jittieħdu mill-attur rikonvenzjonat wara t-tneħħija tal-aġenzija u li l-intimat rikonvenzjonant għad fadallu fil-pussess tiegħu u li ma jistgħux jinbigħu minħabba t-tneħħija tal-istess aġenzija, kif ukoll spejjeż għall-immagazzinar tal-istess.«

4. L-attriċi ċaħdet li kien hemm ftehim ta' aġenzija u ressqet eċċezzjoni illi, f'kull każ, l-azzjoni tal-konvenuta waqgħet bi preskrizzjoni jew dekadenza.

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »… … … tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi limitatament għas-somma ta' €34,237.32, u tikkundanna lis-soċjetà intimata *Josies Bathroom Centre Limited* tħallas lis-soċjetà atttriċi s-somma ta' erbgħa u tletin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€34,237.32).
>
> »Bl-ispejjeż ġudizzjarji kwantu għal żewġ terzi għas-soċjetà intimata, u terz għas-soċjetà attriċi, u bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà intimata.
>
> »Tiċħad il-kontrotalba tas-soċjetà intimata bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.«

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din iċ-deċiżjoni, safejn relevanti għal dan l-appell (billi l-konvenuta ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza li biha ġew miċħuda l-kontro-talbiet tagħha), ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Is-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà intimata *Josies Bathroom Centre Limited* tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €57,219.21 bilanċ minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugħa u ikkonsenjata fuq ordni tal-istess intimata.
>
> »Is-soċjetà intimata wieġbet li l-bilanċ mitlub mhux dovut. … … …
>
> »… … …
>
> »Is-soċjetà attriċi qed titiob is-somma ta' €57,219.21 bilanċ dovut mis-soċjetà intimata. Hi pprezentat … prospett ta' ammonti dovuti u … faxxikolu b'kopji ta' fatturi u dokumenti relatati.
>
> »Is-soċjetà intimata wieġbet li l-ammonti mitluba mhumiex dovuti … u l-bilanċ li *talvolta* jista' jkun dovut jammonta għal €26,044.44 … … .
>
> »Skond il-dokumenti eżibiti minn *Josies*, hemm indikati l-ammonti li hija taċċetta li għadhom dovuti lis-soċjetà attriċi.
>
> »Tqabbil bejn id-dokumenti jirriżulta li hemm qbil bejn il-partijiet li s-segwenti ammonti għadhom ma tħallsux u għalhekk għadhom dovuti lis-soċjetà attriċi:
>
> »€3,141.20; €544.80; €118.72; €1,510.40; €16,378.60; €2,543.60.
>
> »Is-soċjetà intimata tgħid ukoll li fuq *invoice* 4917 hija ħallset €13,244.40 u għalhekk għad għandha tagħti €10,000 fuq dik l-*invoice*.

»Is-soċjetà intimata tissottometti li l-*invoices* l-oħra huma mħallsin.

»L-*invoice* 4867 fl-ammont ta €547.28 thallset fil- 29/05/2008.

»L-*invoice* 5821 fl-ammont ta' €21.5 thallset fit-08/04/2009.

»L-invoice 5989 fl-ammont ta' €9,430.50 thallset fl-20/03/2009 08/04/2009.

»Għalhekk minn dawn l-*invoices* is-soċjetà intimata tgħid li jonqosha tħallas €10,000 biss fuq *invoice* 4917 mentri t-tliet *invoices* l-oħra huma mħallsa.

»Minn eżami tad-dokumenti eżibiti mis-soċjetà attriċi … jirriżulta li kienu jinħarġu *invoices* u jsiru pagamenti, imma ma ġiex indikat liema ammonti kienu qed jinqatgħu meta jsir pagament imma dawn jiġu akkreditati u jintnaqqsu mill-bilanċ li jkun għadu dovut.

»Issa s-soċjetà attriċi mal-att promutur indikat l-ammonti li għadhom dovuti. Issa mid-dokument *a fol*. 161 jidher li per eżempju fis-07/03/2008 kien hemm *invoice* ta' €23,244.60 u li fil-16/04/2008 hemm *incoming payment* ta' €14,163.65 li jidher li jinkludi l-ammont ta' €13,244.60 li s-soċjetà intimata tgħid li ħallset.

»L-ammont ta' €547.28 la jidher fuq id-dokumenti tas-soċjetà attriċi u lanqas fuq dak tas-soċjetà intimata, għalkemm hi tgħid dan tħallas fit-08/04/2009.

»Wara l-*invoice* 5989 fl-ammont ta' €9,430.50 datata 27/10/2008 hemm *incoming payment* ta' €15,520.33 datat 03/11/2008 u dan suppost kellu jikopri l-ammont ta' €9,430.50 li s-soċjetà intimata tgħid li ħallset.

»Is-soċjetà intimata targumenta li l-ammonti partikolari li s-soċjetà attriċi tgħid li għadhom pendenti kienu inklużi fil-pagamenti li għadha kemm saret referenza għalihom. Huwa minnu li s-soċjetà attriċi tgħid li hemm bilanċ akbar, iżda hija fl-att promotur irreferiet biss għal dawk l-*invoices* partikolari, u l-qorti hija tal-fehma li s-soċjetà intimata ġabet prova sufficjenti li dawk l-ammonti, li hija tgħid li ħallset, fil-fatt kienu tħallsu, barra dawk li hija tammetti li għandhom ma tħallsux.«

7. Il-konvenuta appellat b'rikors tal-24 ta' Ottubru 2016, li għalih l-attriċi wieġbet b'appell inċidentali fil-15 ta' Novembru 2016. Il-konvenuta wieġbet għall-appell inċidentali fl-14 ta' Diċembru 2016.

8. L-aggravju tal-konvenuta jolqot biss il-*quantum* li ġiet kundannata tħallas lill-attriċi, għax tippretendi li għandu jkun anqas, u mhix tappella wkoll iċ-ċaħda tal-kontro-talbiet tagħha. L-attriċi wkoll qiegħda tikkontesta l-*quantum*, għalkemm naturalment tippretendi li għandu

jkun aktar. Il-qorti sejra għalhekk tqis l-appell ewlieni u dak inċidentali flimkien.

9. Effettivament il-partijiet qegħdin jikkontestaw il-mod kif l-ewwel qorti għamlet imputazzjoni tal-ħlasijiet li qisithom għas-saldu jew akkont ta' fatturi partikolari: il-konvenuta tgħid illi l-qorti ma qisitx ħlasijiet li ma kinux marbuta ma' fatturi partikolari waqt li l-attriċi min-naħa l-oħra tgħid illi ħlasijiet li l-ewwel qorti imputat għal fatturi partikolari ma kellhomx jitqiesu għax kienu ħlasijiet għal bilanċ preċedenti. Tgħid ukoll illi l-ewwel qorti kellha tqis ukoll il-bilanċ preċedenti *oltre* dak li jirriżulta mill-fatturi minnha preżentati.

10. Il-qorti iżda tista' toqgħod biss fuq dak li jirriżulta mill-atti: la tista tqis ħlasijiet li ma hemmx prova għalihom u lanqas tista' tqis bilanċi oħra li ma jirriżultawx quddiemha.

11. Ma hemmx kontestazzjoni mill-konvenuta dwar il-kunsinni li għalihom qiegħed jintalab ħlas; il-kontestazzojni hija dwar il-ħlasijiet. Il-kunsinni li għalihom qiegħed jintalab ħlas huma dawk li dwarhom hemm il-fatturi relativi immarkati lkoll bħala dok. IS2 esebiti[1] mill-attriċi flimkien mar-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża. Dawn, kif muri fl-iskeda A mehmuża ma' din is-sentenza, b'kollox jiġu sebgħa u ħamsin elf, erba' mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmu (€57,481.20). Fi *statement* immarkjat dok. IS1 ippreżentat[2] ukoll mill-attriċi flimkien mar-rikors jidher tnaqqis ta' mitejn u wieħed u sittin euro u disgħa u

---

1 *Foll.* 6 *et seqq.*

2 *Fol.* 5

disgħin ċenteżmu (€261.99), biex hekk jifdal il-bilanċ ta' sebgħa u ħamsin elf, mitejn u dsatax-il euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€57,219.21) pretiż mill-attriċi.

12. Il-konvenuta tgħid illi saru l-ħlasijiet li jidhru mid-dokumenti JB1 sa JB6 esebiti[3] minnha flimkien mat-tweġiba maħlufa tagħha. Peress illi l-qofol tal-kontestazzjoni hija dwar dawn il-ħlasijiet, il-qorti sejra tqis dawn id-dokumenti tal-konvenuta b'aktar dettall.

13. Dok. JB1 juri li sar ħlas ta' tlittax-il elf, tliet mija u tmenin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€13,380.65) b'mezzi elettroniċi fil-15 ta' April 2008. Fl-i*statement* ulterjuri esebit[4] mill-attriċi waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel qorti dan il-ħlas ma jidhirx iżda jidher ħlas fis-16 ta' April 2008 ta' erbatax-il elf, mija u tlieta u sittin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€14,163.65) li meta paċjut ta' *item* ieħor tal-istess data ta' seba' mija u tlieta u tmenin euro (€783) iħalli bilanċ ta' tlittax-il elf, tliet mija u tmenin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€13,380.65). Għal-kemm ma tidhirx ir-raġuni għala l-ħlas jidher aktar minn kemm tgħid il-konvenuta stess u għala saret it-tpaċija, il-bilanċi jaqblu u għalhekk nistgħu ngħidu illi fil-15 ta' April 2008 sar ħlas ta' tlittax-il elf, tliet mija u tmenin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€13,380.65).

14. Madankollu, dan il-ħlas sar qabel l-ewwel data – is-6 ta' Mejju 2008 – li fiha kellha titħallas l-ewwel *invoice* li għaliha qiegħed jintalab ħlas; kien għalhekk ħlas akkont ta' bilanċ preċedenti u ma jistax jitqies li sar

3 *Foll.* 57 *et seqq.*

4 *Foll.* 161 *et seq.*

akkont tal-bilanċ mitlub mill-attriċi. Dan il-ħlas għalhekk ma jistax jitqies għall-għanijiet ta' din il-kawża.

15. Dokk. JB2 u JB3 huma dokument wieħed bid-data tal-20 ta' Ottubru 2008 li suppost juru ħlas elettroniku ta' tlittax il-elf, mitejn u erbgħa u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€13,244.60). Dan id-dokument ma huwiex prova ta' ħlas għax huwa biss *screen dump* ta' fażi mill-proċess ta' ħlas elettroniku u mhux konferma li l-proċess twassal sat-tmiem għax fuq dok. JB3[5] tidher il-kelma "*continue*" li jfisser li kien għad fadal pass jew passi oħra biex il-ħlas iseħħ. Fil-fatt dan il-ħlas ma jidhirx fuq l-*istatement* tal-attriċi *a foll.* 161 *et seq*.

16. Dok. JB4 juri ħlas ta' erbat elef, disa' mija u dsatax-il euro (€4,919) fl-20 ta' Frar 2009. Dan il-ħlas jidher ukoll fuq l-i*statement* tal-attriċi bid-data tal-24 ta' Frar 2009 u għalhekk hemm qbil li sar.

17. Dok. JB5 juri ħlas ta' ħamest elef euro (€5,000) fit-18 ta' Marzu 2009. Dan il-ħlas ukoll jidher fuq l-i*statement* tal-attriċi bid-data tal-24 ta' Marzu 2009 u għalhekk hemm qbil li sar.

18. Dok. JB6 juri ħlas ieħor ta' ħamest elef euro (€5,000) fit-8 ta' April 2009. Dan il-ħlas ukoll jidher fuq l-i*statement* tal-attriċi bid-data tal-15 ta' April 2009 u għalhekk hemm qbil li dan il-ħlas ukoll sar.

19. B'kollox mela, mill-ħlasijiet li l-konvenuta tallega li saru, hemm provi li tħallsu erbatax-il elf, disa' mija u dsatax-il euro (€14,919) kif muri fl-Iskeda B mehmuża ma' din is-sentenza, u għalhekk mill-ammont

5 *Fol.* 59

pretiż mill-attriċi ta’ sebgħa u ħamsin elf, mitejn u dsatax-il euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€57,219.21) jifdal bilanċ ta’ tnejn u erbgħin elf, tliet mitt euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€42,300.21) kif muri fi skeda Ċ.

20. Tassew illi fl-i*statement* tal-attriċi *a fol.* 161 *et seq.* jidhru ħlasijiet oħra li ma ssemmewx hawn fuq u minkejja dan, il-bilanċ dovut jidher akbar. Dan huwa dovut għall-fatt illi fl-i*statement* tal-attriċi jidher bilanċ preċedenti li ma jirriżultax mill-fatturi minnha esebiti mar-rikors maħluf, u jidhru wkoll ħlasijiet illi ma huwiex pretiż mill-konvenuta li għandhom jinqatgħu mill-bilanċ pretiż mill-attriċi, presumibilment għax il-konvenuta wkoll tagħraf li kien hemm xi bilanċ preċedenti.

21. L-attriċi tgħid fl-appell inċidentali illi dan il-bilanċ preċedenti wkoll huwa parti mill-meritu tal-kawża. Ukoll jekk dan jista’ jitqies li huwa l-każ – għalkemm il-meritu ta’ din il-kawża kif definit fir-rikors maħluf jidher li huwa msejjes fuq il-fatturi li kopja tagħhom hija mehmuża mar-rikors, u l-bilanċ mitlub jikkorrespondi eżatt mat-total li jirriżulta mill-fatturi – ma saritx l-aħjar prova ta’ dan il-bilanċ preċedenti permezz tal-fatturi relativi; għalhekk il-qorti la ma hija qiegħda tqis dan il-bilanċ preċedenti u lanqas il-ħlasijiet li saru akkont tiegħu.

22. Il-konvenuta ressqet ukoll aggravju dwar l-imgħaxijiet, li l-ewwel qorti korrettement qalet li għandhom jgħaddu mid-data ta’ kull fattura, jew, aħjar, mid-data meta kull fattura kellha titħallas, billi, kif jidher mid-dok. IS1 *a fol.* 5 ippreżentat mill-attriċi flimkien mar-rikors maħluf, lill-konvenuta kien jingħata żmien għall-ħlas. Il-konvenuta tgħid illi

ladarba s-somma likwidata mill-ewwel qorti kienet anqas minn dik mitluba mill-attriċi, l-imgħax kellu jgħaddi minn dakinhar tas-sentenza. Dan iżda ma jibdilx il-fatt li d-dejn huwa wieħed kummerċjali, u għal-hekk l-imgħax jibda għaddej minn dakinhar li d-dejn kellu jitħallas[6].

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi kemm mill-appell ewlieni u kemm minn dak inċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn ikkundannat lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-attriċi erbgħa u tletin elf, mitejn u sebgħa u tletin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€34,237.32) u, minflok, tikkundannaha tħallas tnejn u erbgħin elf, tliet mitt euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€42,300.21), flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali relativi mid-data ta' kull *invoice*.

24. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati mill-ewwel qorti; dawk tal-appell ewlieni tħallashom il-konvenuta u dawk tal-appell inċidentali jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) tħallashom il-konvenuta u sehem wieħed minn tlieta ($^1/_3$) tħallsu l-attriċi.

| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur
rm

---

6 Art. 1141(1), Kod. Ċiv.

Skedi A, B u Ċ qed jiġu annessi sabiex jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Skeda A

| Data | | Ammont |
|---|---|---|
| *invoice date* | *due date* | |
| 07/03/2008 | 06/05/2008 | 23,244.60 |
| 29/02/2008 | 29/05/2008 | 547.28 |
| 31/03/2008 | 30/05/2008 | 3,141.20 |
| 30/05/2008 | 29/07/2008 | 544.80 |
| 30/05/2008 | 28/08/2008 | 118.72 |
| 29/05/2008 | 11/09/2008 | 1,510.40 |
| 30/05/2008 | 12/09/2008 | 16,378.60 |
| 24/09/2008 | 23/12/2008 | 21.50 |
| 27/10/2008 | 25/01/2009 | 2,543.60 |
| 27/10/2008 | 25/01/2009 | 9,430.50 |
| 07/12/2009 | 07/12/2009 | -261.99 |
| | Bilanċ | 57,219.21 |

Skeda B

| Data tal-ħlas | Ammont |
|---|---|
| 24/02/2009 | -4,919.00 |
| 24/03/2009 | -5,000.00 |
| 08/04/2009 | -5,000.00 |
| B'kollox | -14,919.00 |

Skeda Ċ

| | |
|---|---|
| Dovut | 57,219.21 |
| Ħlas | -14,919.00 |
| Bilanċ | 42,300.21 |

Deputat Reġistratur
rm